



Ġabra tal-ġurisprudenza

(Kawża T-903/16)

RE

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla Estiża) tal-14 ta' Frar 2019

“Data personali – Protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ din id-data – Dritt ta’ aċċess għal din id-data – Regolament (KE) Nru 45/2001 – Rifjut ta’ aċċess – Rikors għal annullament – Ittra li tirreferi għal rifjut parzjali ta’ aċċess preċedenti mingħajr ma jgħaddi għal eżami mill-ġdid – Kunċett ta’ att kontestabbli fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE – Kunċett ta’ att purament konfermattiv – Applikabbiltà fir-rigward tal-aċċess għal data personali – Fatti ġodda u sostanzjali – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Obbligu ta’ motivazzjoni”

1. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali – Regolament Nru 45/2001 – Dritt ta’ aċċess ta’ persuna għal data li tikkonċernaha – Talba għal aċċess ġdida mressqa wara rifjut ta’ aċċess li jikkonċerna l-istess data – Obbligu għall-istituzzjoni li teżamina l-ġustifikazzjoni tar-rifjut ta’ aċċess preċedenti – Att adottat wara dan l-eżami mill-ġdid li jista’ jkun is-suġġett ta’ rikors għal annullament– Assenza ta’ natura purament konfermattiva (Artikolu 263 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 7 u 8(1); Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 45/2001, Artikoli 13(c) u 20(1))*

(ara l-punti 45-52)

2. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali – Regolament Nru 45/2001 – Dritt ta’ aċċess ta’ persuna għal data li tikkonċernaha – Talba għal aċċess ġdida mressqa wara rifjut ta’ aċċess li jikkonċerna l-istess data – Obbligu għall-istituzzjoni li teżamina l-ġustifikazzjoni tar-rifjut ta’ aċċess preċedenti – Eżistenza ta’ fatti ġodda u sostanzjali li jiġġustifikaw eżami mill-ġdid – Assenza ta’ riferiment għal fatti ġodda fit-talba għal aċċess ġdida – Assenza ta’ effett (Regoli tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 45/2001, Artikolu 13 u 20(1)(a) u (c))*

(ara l-punti 56-62)

3. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà – Interess ġuridiku – Rikors li għandu jkun ta’ natura li jista’ jagħti benefiċċju lir-rikorrent (Artikolu 263 TFUE)*

(ara l-punt 66)

4. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament Nru 45/2001 – Dritt ta' aċċess ta' persuna għal data li tikkonċernaha – Rikors għal annullament dirett kontra r-rifjut ta' aċċess tal-persuna kkonċernata għad-data li tikkonċernaha – Interess ġuridiku – Persuna kkonċernata li diġà kellha aċċess għall-imsemmija data kollha jew parti minnha – Assenza ta' effett (Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 45/2001, Artikolu 13)*

(ara l-punti 69-71)

5. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament Nru 45/2001 – Dritt ta' aċċess ta' persuna għal data li tikkonċernaha – Rifjut ta' aċċess – Obbligu ta' motivazzjoni – Portata – Rinviju għal rifjut preċedenti ta' aċċess mingħajr ma jsir eżami mill-ġdid – Motivazzjoni insuffiċjenti (Artikolu 296 TFUE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 45/2001, Artikoli 13 u 20(1)(a) u (c) u (3))*

(ara l-punti 75-82)

Sunt

Fis-sentenza RE vs Il-Kummissjoni (T-903/16), mogħtija fid-14 ta' Frar 2019, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq talba, li toriġina minn impjegat tal-Kummissjoni, intiż għall-annullament ta' nota li tiċħad talba għal aċċess għal data personali. F'dan il-każ, ir-rikorrent kien is-suġġett ta' investigazzjoni amministrattiva mmexxija mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni¹. Din id-direzzjoni, permezz tan-nota kkontestata, ċaħdet it-talba tar-rikorrent li jitlob, abbażi tar-Regolament Nru 45/2001², l-aċċess għad-data personali tiegħu. Il-Kummissjoni sostniet, b'mod partikolari, minn naħa, li din in-nota kienet tikkostitwixxi att purament konfermattiv ta' rifjut preċedenti ta' aċċess, li ma kienx ġie kkontestat mir-rikorrent fit-terminu għall-preżentata ta' rikors kontenzjuż, u, min-naħa l-oħra, li r-rikorrent ma kellux interess ġuridiku kontra l-imsemmija nota sa fejn din kienet tirrigwarda data personali li diġà kellu aċċess għaliha.

Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-talbiet għal annullament, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fl-ewwel lok, li, fil-kuntest tar-Regolament Nru 45/2001, persuna tista', f'kull mument, tippreżenta talba ġdida għal aċċess li tirrigwarda data personali li l-aċċess għaliha jkun ġie rrifjutat lilha preċedement. Talba bħal din tobligha lill-istituzzjoni kkonċernata teżamina jekk ir-rifjut għal aċċess preċedenti għadux iġġustifikat. Għalhekk, eżami ġdid intiż sabiex jiġi vverifikat li rifjut ta' aċċess għal data personali qabel adottat jibqa' ġġustifikat iwassal għall-adozzjoni ta' att li ma huwiex purament konfermattiv tal-att preċedenti, iżda jikkostitwixxi att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament. Fil-fatt, minn naħa, mill-Artikolu 13(c) tar-Regolament Nru 45/2001, li jippermetti lill-persuna kkonċernata taċċedi "f'kull ħin" għad-data personali tagħha, jirriżulta li din il-persuna għandha dritt ta' aċċess kontinwu u permanenti għall-imsemmija data. Min-naħa

¹ Direttorat tas-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà tal-Kummissjoni.

² Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol. 26, p. 102).

l-oħra, l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għal dan id-dritt ta' aċċess imsemmi fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 45/2001 jistgħu jiġu applikati biss matul il-perijodu li fih jibqgħu neċessarji. Barra minn hekk, fil-qasam tal-ipproċessar tad-data personali, is-sitwazzjoni fattwali u legali tal-persuna kkonċernata hija, min-natura tagħha, evoluttiva, peress li s-sempliċi mogħdija taż-żmien tista' trendi inutli, anki illegali, trattament li ma kienx hemm qabel.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 45/2001 ma timponi fuq il-persuna kkonċernata li timmotiva jew tiġġustifika t-talba tagħha għal aċċess għad-data personali tagħha. Minn dan isegwi li, fil-qasam tal-aċċess għad-data personali, rikorrent jista' jinvoka l-eżistenza ta' fatti ġodda u sostanzjali li jiġġustifikaw eżami mill-ġdid minkejja li huwa naqas milli jsemmihom fit-talba tiegħu. F'dan il-każ, sa fejn il-motivi li fuqhom huwa bbażat ir-rifjut preċedenti ta' aċċess kienu marbuta mal-investigazzjoni amministrattiva li tirrigwarda lir-rikorrent, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-għeluq ta' din l-investigazzjoni amministrattiva kien jikkostitwixxi fatt ġdid u sostanzjali li jiġġustifika eżami mill-ġdid tad-dritt tar-rikorrent għal aċċess għad-data personali tiegħu. Dan l-eżami huwa iktar u iktar iġġustifikat peress li r-rikorrent kien ħalla jiddekorri terminu raġonevoli (iktar minn sitt xhur) qabel ma ressaq talba ġdida għal aċċess għad-data personali tiegħu.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali qieset li, fil-kuntest tar-Regolament Nru 45/2001, il-persuna kkonċernata għandha dritt ta' aċċess kontinwu u permanenti għad-data personali tagħha; dan id-dritt jippermettilha, b'mod partikolari, li tressaq talba għal aċċess, inkluż fil-każ fejn hija diġà setgħet taċċedi għal kollox jew parti mill-imsemmija data. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-annullament tan-nota kkontestata, inkluż sa fejn din tirrigwarda data personali li r-rikorrent diġà kellu aċċess għaliha, jista' jkollu konsegwenzi legali fuq dan tal-aħħar u jipprovvidu benefiċċju.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-talbiet għal annullament kienu ammissibbli.

Fil-kuntest tal-eżami tal-fondatezza tat-talbiet għal annullament, il-Qorti Ġenerali laqgħet il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Fil-fatt, fir-rigward ta' rifjut ġdid li għandu jittieħed wara eżami mill-ġdid, ir-rinviju għal deċiżjonijiet preċedenti ma jistax jikkostitwixxi motivazzjoni suffiċjenti. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali annullat in-nota kkontestata, sa fejn hija ċaħdet it-talba tar-rikorrent li jaċċedi għal ċerta data personali tiegħu.